MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Numru 278/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

v

**KENNETH PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KENNETH PORTELLI** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Paul u Anna nee Cardona, imwieled Pieta fit-tlieta ta' Awissu 1981 u joqghod 62, Flat 6, Xatt l-Imsida, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 431381M gie mressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli fit-tmintax ta' Marzu 2004 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu kkommetta serq aggravat mill-fond kummercjali maghruf bhala 'Phoneworld' li jinstab fi

Triq Naxxar, San Gwann, ghad-detriment ta' EL Sayess Talal minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-lok u bil-hin;

2. Talli fil-perjodu ta' bejn l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2003 u l-wiehed u tletin ta' Marzu 2004 xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

3. Talli rrenda ruhu komplici f'delitt u cioe nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2003 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu assista lil persuni ohra waqt il-kommissjoni ta' serq aggravat minn gewwa l-fond 'Phoneworld' li jinstab fi Triq Naxxar, San Gwann, ghad-detriment ta' EL Sayess Talal minn San Pawl il-Bahar u kif wkoll nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2004 ghall-habta tat-tlieta w kwart ta' filghodu meta sehh serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-post u bil-hin minn gewwa l-fond 'Phone Constructions' li jinstab fi Triq il-Principessa Margerita, Ta' Xbiex, ghad-detriment ta' Christopher Camilleri miz-Zurrieq;

4. Talli rredna ruhu komplici b'delitt u cioe nhar s-sbatax ta' Marzu 2004, bejn il-l-ghaxra ta' bil-lejl u t-tlieta w nofs ta' filghodu tat-tmintax ta' Marzu 2004 assista lil persuni ohra waqt l-kommissjoni ta' serq aggravat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bin-natura tal-haga misruqa gewwa Triq il-Qawsalla, Imsida meta sehh is-serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAN 868 tal-ghamla Opel Kaddett ghad-detriment ta' Albert Cassar mill-Imsida;

5. Talli fit-tmintax ta' Marzu 2004 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu, voluntarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli gewwa l-hanut 'Phoneworld' li jinstab fi Triq Naxxar, San Gwann, ghad-detriment ta' EL Sayess Talal minn San Pawl il-Bahar, liema hsara teccedi l-mitt lira maltin ;

6. Talli bejn s-sbatax ta' Marzu 2004 u t-tmintax ta' Marzu 2004 matul l-lejl, gewwa Triq il-Qawsalla, Imsida u Telghet B'Kara, San Giljan hassar jew

gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAN 868 tal-ghamla Opel Kaddett ghad-detriment ta' Albert Cassar, liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin izda ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin;

7. Talli rrenda ruhu komplici f'delitt u cioe **(a)** nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2003 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu assista lil persuni ohra waqt l-kommissjoni ta' hsara voluntarja gewwa l-fond 'Phoneworld' li jinstab fi Triq Naxxar, San Gwann, ghad-detriment ta' EL Sayess Talal minn San Pawl il-Bahar, **(b)** kif wkoll nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2004 ghall-habta tat-tlieta w kwart ta' filghodu gewwa l-fond 'Phone Constructions' li jinstab fi Triq il-Principessa Margerita, Ta' Xbiex, ghad-detriment ta' Christopher Camilleri miz-Zurrieq.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fil-presentata nhar t-tnejn ta' April 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu ghad-diversi akkuzi kif jirrizulta mill-verbal tat-tnejn ta' April 2004.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat dwar l-ewwel, t-tieni, r-raba, l-hames u s-sitt akkuzi, liema ammissjoni kienet voluntarja, espressa w inkondizzjonata, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati ta' dawn l-istess akkuzi.

Semghet lil Prosekuzzjoni tivverbalizza fl-istess seduta tat-tnejn ta' April 2004 li, in vista tal-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi fuq imsemmija hija tat li t-tielet akkuza b'mod

alternattiv ghat-tieni akkuza u in vista tal-ammissjoni tal-imputat ghat-tieni akkuza hija mhux ser tinsisti fuq t-tielet akkuza u dwar s-sebgha akkuza stante l-istess ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel akkuza u cioe li huwa irricetta u ma ppartecipax fis-serqiet taghhom, il-Prosekuzzjoni tiddikjara li mhux ser tressaq provi dwar din r-raba akkuza.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat hati tal-ewwel, t-tieni, r-raba, l-hames u s-sitt akkuzi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza u tiddikjara li ma ssibux hati tas-sebgha akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonstatat is-segwenti fatturi meta giet biex tapplika l-piena:

1. Il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti w mmarkata bhala dokument CSH 5, u minn ezami tal-istess jirrizulta li huwa kien instab hati biss ta' kontravenzjoni ta' sewqan minghajr seatbelt fl-erbatax ta' Jannar 2002 meta kien inghata unconditional discharge;
2. L-eta tenera tal-imputat u li kif jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza, l-imputat huwa habriki hafna ghax-xoghol tant li ghandu zewg impjiegi;
3. L-ammissjoni bikrija tal-imputat maghmula fl-ewwel okkazzjoni moghtija lilu u cioe mal-presentata u b'hekk gie evitat hela ta' zmien ghal Qorti u spejjes pubblici. In fatti din l-ammissjoni tkun effettivament ghenet biex dan l-kaz jigi deciz malajr;
4. Il-ko-operazzjoni tal-imputat tul l-investigazzjoni kollha sa mill-bidu nett taghha kif jirrizulta kemm mill-verbal tal-Prosekuzzjoni tat-tnejn ta' April 2004 kif wkoll minn ezami akkurat tal-erbgha statements mehuda mill-imputat esibiti fl-atti bhala dokumenti CSH, CSH 1, CSH 2 u CSH 3;
5. Illi parti sostanzjali mir-res furtiva giet ritornata lil Prosekuzzjoni;
6. Il-fatt li l-imputat kixef wkoll isem il-komplici fir-reati tant li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li llum hemm proceduri pendenti fil-konfront ta' terzi;

7. Illi l-imputat huwa lest li jkompli jikkorrobora mal-Prosekuzzjoni tant li ddikjara seduta stante nhar t-tnejn ta' April 2004, li huwa lest li jaghti x-xhieda tieghu fil-konfront tal-akkuzati l-ohra.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-principji dwar il-konkors u l-assorbiment ta' reati u rat li r-ragunijiet fuq imsemmija huma tajbin u ghalhekk jimmilitaw favur mitigazzjoni fil-piena.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 42, 43, 45, 325(1), 261, 263(a)(b), 264(1), 265, 267, 270, 278(3), 279(b), 334, 280(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi billi tikkundanna lil imputat KENNETH PORTELLI fuq l-akkuzi misjub hati komplessivament ghal multa massima permessa mill-ligi ta' hames mitt lira maltin, liema multa bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' April 2004.**
**In oltre il-Qorti qed tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin taht is-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kommunikata lid-Direttur tas-Servizz tal-Probation sabiex jinnomina l-kandidat idoneju ghal dan il-kaz.**

**L-imputat probationer ghandu igib ruhu tajjeb u joqghod ghal kull direttiva li jinghata minn dan l-Ufficjal tal-Probation, inkluz kull direttiva li hi thoss li tkun necessarja sabiex ma jiffrekwentax certi postijiet u/jew certi nies.**

**Illi l-imputat probationer ghandu jzomm ruhu kontinwament f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation skond d-direttivi li din taghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-**

**Probation ikun irid hekk, jircievi zjarat ta' din l-Ufficjal tal-Probation fid-dar tieghu.**

**Illi l-imputat probationer ghandu minnufih jgharraf lil Ufficjal tal-Probation b'kull tibdil fir-residenza u/jew xoghol tieghu.**

**Illi l-imputat probationer ghandu jidher quddiem din il-Qorti flimkien mal-Ufficjal tal-Probation kull sitt xhur fid-data u hin li jigu kommunikati lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-amdament u l-imgieba tieghu.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------